



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10683/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0125(NLE)

COSCE 2
COEST 343
RELEX 754
JAI 942
COJUR 56

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Mejju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 224 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-bidla fl-istatus tal-Unjoni Ewropea minn Membru Assoċjat għal Parteċipant fil-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni kkawżati mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 224 final.

Mehmuż: COM(2024) 224 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2024
COM(2024) 224 final

2024/0125 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa
dwar il-bidla fl-istatus tal-Unjoni Ewropea minn Membru Assoċjat għal Parteċipant fil-
Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni kkawżati mill-Aggressjoni tal-
Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Din il-proposta tikkonċerna l-bidla fl-istatus tal-Unjoni Ewropea minn Membru Assoċjat għal Parteċipant fil-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni kkawżati mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna (“ir-Reġistru tad-Danni” jew “ir-Reġistru”).

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fit-12 ta' Mejju 2023, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adotta r-Riżoluzzjoni li tistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni kkawżati mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna¹.

Ir-Reġistru tad-Danni jservi bħala rekord, f'forma dokumentarja, ta' evidenza u ta' informazzjoni marbuta ma' pretensjonijiet dwar dannu, telf jew korriment ikkawżati lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha kkonċernati, kif ukoll lill-Istat tal-Ukrajna, ikkawżati mill-24 ta' Frar 2022 fit-territorju tal-Ukrajna mill-atti internazzjonalment illegali tal-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna jew kontriha.

Minħabba r-restrizzjoni ta' żmien qabel ir-raba' summit tal-Kunsill tal-Ewropa li sar fis-16–17 ta' Mejju 2023 f'Reykjavik, li fih tħabbar l-istabbiliment tar-Reġistru tad-Danni, l-uniku mod biex l-Unjoni ssir membru fundatur tar-Reġistru tad-Danni kien li tingħaqad mal-Ftehim Parzjali Estiż bħala Membru Assoċjat, f'konformità mal-Artikolu 4, il-paragrafu 2, tal-Istatut tal-imsemmi Ftehim Parzjali Estiż.

Għal dan l-għan, fil-11 ta' Mejju 2023, wara deċiżjoni ta' tfassil ta' politika mill-Kunsill li tappoġġa tali mozzjoni², il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni skont l-Artikolu 220 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) biex tawtorizza lill-President tal-Kummissjoni tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa bl-intenzjoni tal-Unjoni li tingħaqad mal-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni, bħala l-ewwel pass bħala Membru Assoċjat fundatur³. Il-parteeċipazzjoni tal-Unjoni bħala Membru Assoċjat fil-Ftehim Parzjali Estiż ma ħolqitx, u lanqas ma kienet maħsuba li toħloq, xi obbligu legali għall-Unjoni skont id-dritt internazzjonali.

Mil-lum, minbarra l-Unjoni, 43 Stat ingħaqdu mar-Reġistru tad-Danni, 40 bħala Parteċipanti⁴ – inklużi 26 Stat Membru⁵ – u tlieta bħala Membri Assoċjati⁶.

F'konformità mal-Artikolu 5(7) tal-Istatut tar-Reġistru tad-Danni, il-Membri Assoċjati li jagħmlu kontribuzzjonijiet volontarji lir-Reġistru ta' ammont ugwali għall-ammont li jkollhom iħallsu li kieku kienu Parteċipanti għandhom il-firxa sħiħa ta' drittijiet tal-

¹ Ir-riżoluzzjoni CM/Res (2023) 3 li tistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni kkawżati mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna (Adottata mill-Kumitat tal-Ministri fit-12 ta' Mejju 2023 fl-1466 laqgħa tad-Deputati tal-Ministri).

² Nota Punt I/A 9016/23, il-5 ta' Mejju 2023.

³ C(2023) 3241, 11.5.2023.

⁴ L-Albanija, Andorra, l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Georgia, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Liechtenstein, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, ir-Repubblika tal-Moldova, Monaco, il-Montenegro, in-Netherlands, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, San Marino, ir-Repubblika Slovakka, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera, l-Ukrajna u r-Renju Unit.

⁵ L-Ungerija ma nġaqditx mar-Reġistru tad-Danni.

⁶ Il-Kanada, il-Ġappun u l-Istati Uniti.

Parteċipanti matul is-sena finanzjarja li għaliha jkunu għamlu tali kontribuzzjoni. L-Unjoni diġà ħallset kontribuzzjoni volontarja ta' EUR 1 miljun għall-2023 u wiegħdet li tħallas il-kontribuzzjoni annwali rakkomandata għall-2024. Għalhekk, bħalissa tgawdi l-firxa sħiħa ta' drittijiet li għandhom il-Parteċipanti.

Meta jitqies l-interess tal-Unjoni li tiżgura li l-Federazzjoni Russa għorr il-konsegwenzi legali tal-atti internazzjonalment illegali tagħha, u minħabba li l-istabbiliment tar-Reġistru tad-Danni jikkostitwixxi l-ewwel pass sinifikanti biex jiġi żgurat kumpens f'waqtu għall-vittmi, issa huwa xieraq li l-istatus tal-Unjoni fil-Ftehim Parzjali Estiż jinbidel minn Membru Assoċjat għal Parteċipant, u b'hekk jiġi mtenni l-impenn sod tal-Unjoni għall-attivitajiet tar-Reġistru, inkluż permezz tal-ħlas tal-kontribuzzjoni obbligatorja annwali.

Il-bidla fl-istatus mhux biss tkun politikament sinifikanti għar-Reġistru tad-Danni iżda wkoll ta' benefiċċju Prattiku peress li għib stabbiltà finanzjarja fir-Reġistru, abbażi tal-garanzija ta' kontribuzzjoni finanzjarja obbligatorja mill-Unjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-bidla fl-istatus tal-Unjoni fil-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni hija konsistenti mal-impenn tal-Unjoni li tiżgura li d-danni kkawżati mill-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna u ksur ieħor tad-dritt internazzjonali jiġu kkompensati kif xieraq, kif diġà ntweru mill-parteċipazzjoni bikrija tal-Unjoni fl-istess Ftehim Parzjali Estiż bħala Membru Assoċjat fundatur. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2023, li permezz tagħha l-President tal-Kummissjoni ġiet awtorizzata tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa bl-intenzjoni tal-Unjoni li tingħaqad mal-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni bħala Membru Assoċjat, diġà rrikonoxxiet li tali status kien maħsub biex ikun biss l-ewwel pass fil-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Ftehim Parzjali Estiż.

Barra minn hekk, il-fatt li wieħed isir Parteċipant fir-Reġistru tad-Danni jikkomplementa diversi inizjattivi meħuda fil-livell Ewropew mill-aħħar ta' Frar 2022 u li għandhom l-għan li jiżguraw li l-Federazzjoni Russa tinżamm responsabbli għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u li l-individwi responsabbli għal delitti internazzjonali mwettqa fl-Ukrajna u kontriha jitressqu quddiem il-ġustizzja. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, għall-istabbiliment taċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (ICPA) fl-Eurojust. Bl-istess mod, din il-proposta hija konsistenti mal-parteċipazzjoni tal-Unjoni f'fora u strutturi differenti li għandhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jinvestigaw id-delitti internazzjonali mwettqa fl-Ukrajna u kontriha u jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda impunità għal tali reati, bħall-Grupp ta' Djalogu u l-Grupp Konsultattiv dwar l-Atroċitajiet.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-appoġġ sod tal-Unjoni għall-Ukrajna jirrifletti impenn kondiviż għall-prinċipji demokratiċi u għas-salvagwardja tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u l-paċi fl-Ewropa. Għalhekk, din il-proposta hija konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw l-ordni internazzjonali u l-paċi fl-Ewropa, b'mod partikolari fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni attwali kontra l-Ukrajna. B'mod partikolari, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi mingħajr preċedent kontra l-Federazzjoni Russa biex iżżid il-kostijiet fuq il-Federazzjoni Russa għall-azzjonijiet illegali tagħha u biex tfixxkel il-kapaċità tagħha li tkompli l-aggressjoni tagħha. Sabiex jissaħħa l-infurzar ta' dawn il-miżuri restrittivi, l-Unjoni, fost l-oħrajn, stabbiliet it-Task Force "Iffriżar u Sekwestru", adottat Direttiva li tarmonizza d-

definizzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni u l-pieni kriminali għall-ksur tagħhom⁷. Il-Kummissjoni ħatret Mibgħut tas-Sanzjonijiet tal-UE biex tiżgura diskussjonijiet kontinwi u ta' livell għoli ma' pajjiżi terzi biex jiġu evitati l-evazzjoni jew iċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, u ppubblikat gwida għall-awtoritajiet nazzjonali u l-operaturi privati fl-indirizzar tal-interpretazzjoni tar-regoli rilevanti tal-Unjoni dwar il-kwistjoni.

Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni hija konsistenti mal-kooperazzjoni li ilha teżisti għal żmien twil bejn l-Unjoni u l-Kunsill tal-Ewropa fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Ta’ min jinnota li r-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna⁸ diġà jipprevedi l-bażi ġuridika għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għar-Reġistru tad-Danni.

Il-bażi ġuridika sostantiva tiddependi primarjament fuq l-oġettiv u l-kontenut tal-att previst. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn il-miri jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, att ġuridiku jrid jissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-mira jew komponent ewlieni jew predominanti. Din il-proposta għandha mira ewlenija waħda, jiġifieri l-kooperazzjoni tal-Unjoni mar-Reġistru tad-Danni, stabbilit fil-qafas istituzzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa. Ir-Reġistru tad-Danni għandu rwol kritiku fl-appoġġ u l-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali fl-Ukrajna billi jikkostitwixxi l-ewwel pass lejn mekkaniżmu internazzjonali ta’ kumpens għall-vittmi tal-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Tali inizjattiva titwettaq fil-qafas tal-prinċipji u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b’mod partikolari fir-rigward tal-impenn tagħha li tiżgura li l-Federazzjoni Russa tinżamm kompletament responsabbli għall-gwerra ta’ aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva għal din il-proposta hija l-Artikolu 212 tat-TFUE.

Għalhekk, din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 212 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

F’konformità mal-Artikolu 3(2) tat-TFUE, il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Reġistru tad-Danni u s-sħubija sussegwenti tal-Unjoni fil-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni taqa’ taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk, din il-proposta mhijiex soġġetta għal analiżi tas-sussidjarjetà.

⁷ Id-Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta’... dwar id-definizzjoni ta’ reati kriminali u ta’ pieni għall-ksur ta’ miżuri restrittivi tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva (UE) 2018/1673 (għadha ma ġietx ippubblikata).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna, ĠU L, 2024/792, 29.02.2024.

- **Proporzjonalità**

L-oġġettivi tal-Unjoni fir-rigward ta' din il-proposta kif stabbiliti hawn fuq jistgħu jinkisbu biss jekk l-Unjoni tidħol bħala Parteċipant fi ftehim internazzjonali vinkolanti li jipprevedi impenn għall-pagament fit-tul tal-kontribuzzjoni obligatorja annwali.

- **Għażla tal-istrument**

Il-parteeċipazzjoni fil-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni, minħabba l-istruttura ġenerali u l-lingwaġġ preskrittiv tiegħu, għandha effetti legali u għalhekk il-pożizzjoni tal-Unjoni jeħtieġ li tiġi stabbilita b'deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE. Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi atti li jkollhom effetti legali permezz tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

L-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna hija ksur tad-dritt internazzjonali u diġà kkawżat danni enormi fl-Ukrajna u lill-popolazzjoni Ukrena. Din il-proposta għandha l-għan li ssaħħaħ l-impenn tal-Unjoni li tiżgura li, permezz tar-Reġistru tad-Danni, tali danni jistgħu jiġu kkompensati kif xieraq, inklużi dawk li jirriżultaw mill-ksur mill-Federazzjoni Russa tad-drittijiet fundamentali bħad-drittijiet għall-ħajja, għall-integrità tal-persuna u għall-proprjetà, kif ukoll id-dritt tal-projbizzjoni tat-tortura u tal-piena jew trattament inuman jew degradanti.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-istatus tal-Unjoni bħala Parteċipant fil-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni jirrikjedi l-impenn finanzjarju tagħha li tħallas il-kontribuzzjoni obligatorja annwali.

Skont l-Artikolu 10(3) tal-Istatut tar-Reġistru tad-Danni, kemm l-ammont tal-kontribuzzjonijiet obligatorji annwali tal-Parteċipanti kif ukoll dak tal-kontribuzzjonijiet volontarji rakkomandati tal-Membri Assoċjati huma bbażati fuq il-kriterji għad-

determinazzjoni tal-iskala annwali tal-kontribuzzjonijiet għall-baġit ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

Ir-Reġistru huwa stabbilit għal perjodu inizjali ta' tliet snin, f'konformità mar-Risoluzzjoni li tistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni. Ir-rieżami tal-funzjonament tar-Reġistru, bil-ksieb li titqies il-kontinwazzjoni tal-operat tiegħu, huwa previst sa tmiem il-perjodu inizjali ta' tliet snin, jiġifieri sa Mejju 2026.

Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna⁹ jipprevedi l-bażi ġuridika għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għar-Reġistru tad-Danni. Abbażi tal-oġettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/792, u b'mod partikolari l-assistenza skont il-Kapitolu V, l-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE) 2024/792 jipprevedi li "l-[a]ssistenza skont dan il-Kapitolu għandha ssaħħaħ ukoll il-kapaċitajiet għall-prevenzjoni tal-kunflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi u tindirizza l-ħtiġijiet ta' qabel u ta' wara l-kriżi, inkluż permezz ta' miżuri u proċessi għall-bini tal-fiduċja li jippromwovu l-ġustizzja, it-tfittxija tal-verità, ir-riabilitazzjoni komprensiva wara kunflitt għal soċjetà inklużiva u paċifika, kif ukoll il-ġbir ta' evidenza ta' delitti mwettqa matul il-gwerra. Il-finanzjament għal inizjattivi u korpi involuti fl-appoġġ u l-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali fl-Ukrajna jista' jiġi pprovdut skont dan il-Kapitolu". Għalhekk, peress li l-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni għandu l-għan li jinforza l-ġustizzja internazzjonali fl-Ukrajna billi jikkontribwixxi għal mekkaniżmu li se jikkumpensa għaddanni mġarrba mill-Ukrajna u mill-popolazzjoni tagħha u kkawżati mill-ksur tad-dritt internazzjonali mill-Federazzjoni Russa, l-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE) 2024/792 jipprevedi l-bażi ġuridika xierqa li f'konformità magħha l-Unjoni tista' ttipprovi l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha għall-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni.

Il-linja baġitarja li tkopri din in-nefqa tkun il-linja 16 06 03 01 — Assistenza għall-adeżjoni tal-Unjoni u miżuri oħra, fejn fir-rimarki baġitarji relattivi huwa spjegat li din il-partita "se tkopri wkoll l-appoġġ għal [...] miżuri oħra li huma komplementari għall-azzjoni tal-UE, bħall-mekkaniżmi ta' responsabbiltà għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja".

Fir-rigward tal-metodu ta' implimentazzjoni, l-Artikolu 239 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni¹⁰, li jippermetti lill-Unjoni tħallas miżati tas-sħubija lil korpi li l-Unjoni hija membru tagħhom, huwa applikabbli għall-kontribuzzjoni obligatorja tal-Unjoni għar-Reġistru u diġà ġie applikat għall-ħlas tal-kontribuzzjoni volontarja tal-Unjoni tal-2023 lir-Reġistru.

Fis-16 ta' Novembru 2023, il-Konferenza tal-Parteċipanti tar-Reġistru tad-Danni adottat il-baġit annwali għall-2024. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2024 ġiet stabbilita għal EUR 845 863,71 u s-sejħa korrispondenti għal kontribuzzjoni nħarġet lill-Unjoni. Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni titħallas qabel l-1 ta' Lulju 2024 f'konformità mal-modalitajiet imsemmija hawn fuq.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna, ĠU L, 2024/792, 29.02.2024.

¹⁰ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jinkludi l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, dwar il-bidla fl-istatus tal-Unjoni minn Membru Assoċjat għal Parteċipant fil-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni.

L-Artikolu 2 jipprevedi d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa
dwar il-bidla fl-istatus tal-Unjoni Ewropea minn Membru Assoċjat għal Parteċipant fil-
Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni kkawżati mill-Aggressjoni tal-
Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Novembru 2022, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat Riżoluzzjoni li tirrikonoxxi l-ħtieġa għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu internazzjonali għar-rimedju għal dannu, telf jew korriment li jirriżultaw mill-atti internazzjonalment illegali tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Ir-Riżoluzzjoni tirrakkomanda ulterjorment il-ħolqien mill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Ukrajna, ta' reġistru internazzjonali tad-danni biex iservi bħala rekord ta' evidenza u ta' informazzjoni marbuta ma' pretensjonijiet rilevanti f'dan ir-rigward.
- (2) Fit-12 ta' Mejju 2023, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adotta r-Riżoluzzjoni li tistabbilixxi l-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni Kkawżati mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna.
- (3) Jenħtieġ li r-Reġistru tad-Danni jservi bħala rekord, f'forma dokumentarja, ta' evidenza u ta' informazzjoni marbuta ma' pretensjonijiet dwar dannu, telf jew korriment ikkawżati lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha kkonċernati, kif ukoll lill-Istat tal-Ukrajna, ikkawżati mill-24 ta' Frar 2022 fit-territorju tal-Ukrajna mill-atti internazzjonalment illegali tal-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna jew kontriha.
- (4) L-Unjoni nġhaqdet mal-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni bħala Membru Assoċjat fundatur permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni, adottata fil-11 ta' Mejju 2023, skont l-Artikolu 220 tat-TFUE, u nnotifikata fl-istess jum lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. Qabel ma adottat id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni kienet ikkonsultat lill-Kunsill dwar il-parteeipazzjoni tal-Unjoni bħala Membru Assoċjat fundatur fir-Reġistru tad-Danni, li approva politikament id-deċiżjoni ta' parteeipazzjoni.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2023, li permezz tagħha l-Unjoni nġhaqdet mal-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni, diġà rrikonoxxiet li l-istatus tal-Unjoni bħala Membru Assoċjat kien maħsub li jkun biss l-ewwel pass fil-parteeipazzjoni tal-Unjoni fil-Ftehim Parzjali Estiż imsemmi.
- (6) Fid-29 ta' Frar 2024, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2024/792 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna, li permezz tagħha l-koleġislaturi fost

l-oħrajn ipprovdew il-bażi ġuridika għall-finanzjament ta' inizjattivi u korpi involuti fl-appoġġ u l-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali fl-Ukrajna.

- (7) Minħabba l-interess tal-Unjoni li tiżgura li l-Federazzjoni Russa ġġarrab il-konsegwenzi legali tal-atti internazzjonalment illegali tagħha kontra l-Ukrajna, inkluż l-obbligu li tirrimedja kwalunkwe dannu, telf u korrimment ikkawżati minn dawk l-atti, u fit-tennija tal-impenn sod tal-Unjoni li tipparteċipa fir-Reġistru tad-Danni kif ukoll l-interess tagħha li tgawdi d-drittijiet sħaħ bħala Parteċipant, huwa xieraq li l-istatus tal-Unjoni fil-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni jinbidel minn Membru Assoċjat għal Parteċipant.
- (8) Il-parteċipanti fil-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni huma mitluba jħallsu kontribuzzjoni obbligatorja annwali lir-Reġistru tad-Danni. Għall-Unjoni, dan il-pagament jenħtieġ li jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għandha tkun li tiġi nnotifikata l-bidla fl-istatus tal-Unjoni fil-“Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Reġistru tad-Danni kkawżati mill-Aggressjoni tal-Federazzjoni Russa Kontra l-Ukrajna” minn Membru Assoċjat għal Parteċipant.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*